100K

Oratorju Salesjan
Sliema Malta

03

**S T A G E  II**

( La Classe degli Asini ).

ta' E. Ferravilla

Farsa f'Att wiehed.

Macluba ghal- Malti

minn

Guzi Fenech S.D.B.

*+*+*+*+*+*+*+*+*+*+*+*+*+*+*

SALESIAN THEATRE

- SLIEMA -

SCRIPT NO. 280

Nies tal-Farsa.

Is-Surmast

Id-Direttur

Mr. Kriha Ezaminatur

Il - Bidillu

[illegible] Kukuzza
[illegible] Z[illegible]
Gamri Buhajar
Kola Kriha
} Skolari

Tfal skolari ohra li ma jitkellmux.

Ix-xena turi klassi ta' l-iskola, skrivanija fuq ix-xellug. Fuq il-lemin bankijiet ghal-iskulari. Xi siggiojiet li wiehed ninnmom inklassi, u blackboard bil-gibs u duster.

## XENA I

### Il- Bidillu wahdu.

Bid: (Jirranga il-klassi) X'hajja dinkemm hi taz-zejt! Toqod bhal kelb tghamila ta'seftur, waqt li jien twelidt biex inkun xi ras kbira. Il-Bidillu! Jien Bidillu? Jien, li kieku missieri w ommi bghatuni l-iskola, min jaf il-lum fejn kont nilhaq! Invece hawn nobdi lil dak l-imbecilli ta-Surmast li ma jghamilx zaqqb lil-iskulari li ghandu. (Waqt li jnaddaf l-iskrivanija) Ara, ara, dagxejja dal bina! Ghax ta' b'xejn jghajjat li jidhrulu il-griedem; ihalli fil-kaxxon il-qxur tal gobon u l-glut taz-zalzett!.... Halli nurih ma wiccu inkahhakomlu w inhartajielu kif irida. Nallihom jiddevertu il-griedem w il-wirdien, nallihom. Ahke jien naf li hawn il-griedem

## XENA II

### Is-Surmast u l-Bidillu.

Surm: Good Morning. (Jinza il-klekk u jilbes spolverina).

Bid: Bongu Sinjur.

Surm: X'hin hu?

Bid: Id-disa dalwaqt.(pausa) Hekk hu, veru,.... xtaqt nghidlek biex ma tohodiex bi kbira zota tara il-griedem jippassiġa fuq l-iskrivanija w il-wirdien ma saqajk il -mejda. Jekk int thalli il-qxur tal-gobon u dawk il-glut taz-zalzett.

Surm: U fejn hom?

Bid: Hemm fil-kaxxon li ghandek; ara int b'ghajnejk.

Surm: Ja mahmorqin li hawn! Qed tara x'sejt ikrah jghaddilek.

Bid: Kont tieghek! Ghax ma ssakkarx il-kaxxon, u hekk ma jkollok ebda haleb.

Surm: Ja hafna imkaxxarilli! Huwa nqedhom issa, nurihom min jien.

Bid: Tinax ghalik, nghidlek; jekk mintix kapaci izzomm id-disciplina u jghalhom jirrispettawk, anqas issib xoghol iehor; ghax issa jien Bidillu u nnax lo...tes tal, nghamila ta' bidillu ghax ghandi ir-rgulija, tieghi; u dawn hadt m'hu sejjer ikunu jaqtuhom. U hasin jaqtuhom niu jongosni mir-rispett. U jekk qedhom int dawk il-glut taz-zalzett, biex nghaddihom biz-zmien, u biex tavvelini.........

Surm: Mela qed tiggieden?

Bid: Biex tavvelini! Iva....(jgholli lehnu) allura il-Bidillu jsir Surmast, u is-Surmast isir Bidillu. Int toqod hemm f'postok, u jien f'posti, u jien il-hmar il-bhima.......

Surm: X'inhu jtik ?

Bid: Int biss t'taref, Sur professur! Arrived-roi Surmastu Kollu ghall ix-xoghol t-hawn gew, niince innaddaf! u int tghamila ta' l-gharef Salamun. Imissek tisthi, Vergonja.(johrog).

Surm: (Wara li jhares lejh u ma jitlaq). Kollu ghal-xejn!.... kuljum b'wahda gdida. Ghidu jien u nibqa nghidu li hallieh n'hemmx ...et iehor aleif il-mahkonja.

## XENA III.

### Id-direttur us-Surmast.

Dir: (Jidhol u joqod bil-qeda muguh mir-rumattismu) Bongiorhu, Ajma!

Surm: Kif thossok , Sur Direttur ?

Dir: Hekk u hekk. Dan l-ugieh tar-ramattismu ma jridx ihallini bi kwietu X'inqalalu il-bidillu ilvqajt miegha jajjat kemm jiflah ?

Surm: Xi bicca genn mintas-soltu.

Dir: Miskinxxxx! wara il-marda li kella tat-tifu baqa jbati b'mohhu u meta tkunxi giurnata shuna b'xejn ma zzommu.

Surm: Affari serja hafna.

Dir: B'dankollu tant hu ragel dhuli w onest! Insomma ghalina, halli.a min dan. Intom diga lesti hux ghal-ezami ?

Surm: Daz-zgur! ilna diga gimgha.

Dir: Ghax il-bierah, ara ircevejt ittra min ghand l-ezaminatur, Mr. Xriha, fejnqal il ghandu jasal dalghodu. U jien hsib li nibdew min dil-klassi tieghek, klassi, nghid jien, speciali, u dan bien nuruhom kemm huma tassew il-hmir tal-iskola, li qatt ma jistghu jaslu imkien, U int bhala surmast taghhom qis il taghmel unur.

Surm: Das sgur! Ghalija cert li did-darba l'ezami jmur tajjeb, sintendi wiehed irid jikkunsidra l'istat taghhom, kif ghidt int, tal-injoranza naturali li ghandhom.....O, ara x'kumbinazzjoni gejjin.....

## XENA IV.

### Jidhlu l-iskolari kollha barra Pasist.

Kolla: (Wiehed war l'iehor) Good morning Sir, Sahha Sur Direttur.... (u jmorru f'postهom bil-qeda),

Dir: Good morning boys. Illum tfal huwa jum kbir ghalikom. Ftakru li dalwaqt jigi l-ezaminatur uqisu li taghmlu unur waqt l' ezami. Ftakru wkoll li barra milli tghaddu hemm wkoll premjijiet sbieh ferm.

Kolla: Viva is-Sur Direttur!

## XENA V.

### Il-Bidilla.

Bid: Silenzju, ja qaada xadini! (wandu) Se nerghu b'ajjat(jitlaq).

Dir: Mela lesti, kuragg. Jiensejjer fid-direzjoni .Jekk ikollkom bzonn ta xi'haga li jkolla x'taqsam mal-ezami, sejhuli. Ftehemna tfal? Mela, Good morningx boys!

Kolla: Good Morning Sur Direttur. (Jitlaq, pausa zghira).

Surm: U issa, nixtieq naf min kien dak il-wicc vili, pastas, maled hat bla ebda rispett ta'xejn li ha tant liberta li jpoggi fil-kxaxen tal-iskrivanija tieghi qxur tal-gobon u glut taz-zalzett. Min ghamel dan il-pastasata ma jghaddix ghal-klassi l'ohra; u hekk jirripeti ghar-raba darba Stage Two. (Silenzju). Insomma nista inkun naf min hu?

Kalan: Jien m'inhix.

Gamr: Jien l'anqas.

Kola: Jien ma natx imma Kalanc jaf min.

Surm: Nista naf min, iva jew le? Jew tridumi nirraportakom lis-Sur Direttur?

Kala: Patist qedomlok.

Surm: Patist? tajjeb ferm.(Jiktub).

<u>XENA VI.</u>

Patist u ta'qabel.

Pat; (Jgħajjat) Good Morning Sir (u jmur f'postu, ghaba jfemuh li jinsa fit-trouble).

Surm: Habat tajjeb....lilek kont qed nistenna... ohrog ftit hawn Sur Patist.

Pat: (Ma jiccaqlaqx). ,

Surm: Lilek ghidt, Patist, ohrog minpostok, u oqod hemm , fir -rokna. Mi hu pastas mghandux joqod ma nies edukati.

Pat: (Johrog min postu u joqod bilqeda fuq siggu hdejn il-bieb).

Surm: Qum min hemm; mingallek toqod bil-qeda. U jekk darb'ohra targa tiehu dil-kunfidenza x u tiecajta hekk bl-ikrah, tigi minnufieh imkecci il-barra.

Pat: Tajjeb, meal kecci lil-Kalanc wkoll, ghax hu tghani il-biccict tal glut biex inqgheomlok fil-kaxxun. Qalli:"Poggi il-biccaiet tal-glut taz-zalz.tt fil-kxaxen tas-Sir, biex meta jigi il-grieden inkunu nistghu naqbduh". Tajjeb eh, l'ewwel igghaluni inqedlek il qxur tal-gobon imbghad imur jghamila tal-ispjun.

Kal: Mhux veru.

Pat: Kif mhux veru?

Kal: Giddieb ta mniehrok twil!....

Pat: Anjar ikollok mniehrek twil milli tisraq hwejjeg haddiehor.

Surm: Kif, kif tisraq ! Min seraq?

Pat: Hu, Kalanc, jumejn ilu seraqli l-kappel min rasi, w il-bierah hadli il-froga li tawni iz-ziju Gilormu w iz-ziju Mikiel, ghax kie il-birthday tieghi; u dan waqt il-kont fuq il-blackboard nghamel is-somom kilicha hu u Pawlu Grixti.

Surm: Bizzejjed , bizzejjed marridx naf xej fuq il froga. Tajjeb ghal-din id-darba inhallihu tghaddi din wkoll, inhabba l'ezami taf!!! Kunghaf li bniedem awzat nofsu armat. Qis li tkunl'ahhar darba. Issa Sur Patist mur f'postok. Ghal-did-darba nahfirlek u inhassar ir-rapport li kont ghamilt fuqek(ihassar).

Pat: Grazzi Sir.(Jersaq hdejn).

Surm: Xi trid minhawn?

Pat: Xejn, xejn, qed nara hassartx tassew?(imur f'postu u jibda jilletika ma shabu),

Surm: X'gara ? X'inhu dan listorbju? Tridu nibg atkom ilkoll il-barra?

Pat: Sikket lil dak ix-xadin li ghadu jajjarni ta mniehru twil.

Surm: X'xadin hu, xi tmieghur. Ma tafx li ix-xadini ghandhom imnieherhom zghar? (It-tfal jidhqu) Ghax ma tarnnan lil ftit minuti ohra jasal l-ezamineatur,.Ftakru li diga lilkom tlet snin fi Stage Two, u li jekk ma twegbux tajjeb ghal-mistoqsijiet li jghamlilkom, jghaddi-kom bi hmir, u jien maghkom?

Kolla: Tajjeb wisq , kollox sewwa!

Surm: Kif kollox sewwa?... Attanzjoni mela; ifthu ftit dawk l-imhuh nghaluqa li ghandkom; qisu li fil-kotba ma jkollkomx tbajja taz-zejt u tal-linka, ghax tas ew imiskom tisthu.U issa sejjer

inhallikom tistrihu ftit sakem jasal Mr. Xriha; sa dat-tant ghad. tajjeb dak kollu li rajna ma tul is-sena. Ftehmitu?

Kolla: Yes Sir (Surmast johrog).

Pat: (Lil-Kola) Ja wiec ta 'moza.

Kola: Wola tassew li trid nifqalek ghajnejk.

Pat: Dawxi ohrog ghan-nofs.(jaqbsu fuq il-bankijiet).

Kola: Ghid min seraqlek il-froga u kielilek?

Pat: Min seraqli il-froga? int, int ja halliel. (Jghatu- jaqbdu f'xul l'ohrajn jigru warajhom).

XENA VIII

Bidillu u ta' qabel

Bid: (Daqqa ... lil ... , daqqa ... l'... , il-... u bis-sie ... lil-...). Fejn ... dak il-bicca nies?

Gam: Ghand id-direttur.

Bid: Ja stupidi w imbecilli!

XENA VIII.

Surmast, Directtur, Mr. Xriha u ta' qabel.

Dir: (Lil-iskulari li malli jarawh kulihda jigri ghal postu) X'kienu dawk il-hsejjes kolla? Deherli li makkienm hawn silenzju hafna.

Surm: Wara lir-rikumdajtilkom tant biex thejju ruhnkom ghal-ezami!

Mr.X: Nittamaw li malajr illestu, ghax ghandi hafna x'naghmel dalghodu. Bilqeda u oqodu attenti ghal mistoqsijiet li nghamlilkom. U anke jien nista noqod bil-qeda wkoll ghax imbatti ferm bil-kalilijiet U xejn m'hu pjacir toqgnod bil wieqfa.

Surm: (Lil Bidillur). Gib is-siggiejiet.

Bid: Hecku is-siggiejiet (Wiehed ghad-direttur u l-iehor ghas-surmast)

Mr. X: Jekk jogb k gib wiehed lil wkoll.

Bid: Dutruni taejn biss hawn, jekk jogbok!

Mr.X: Dan x'pastas hu.

Dir: Le,le anzi bniedem sewwa hafna!

Surm: Dagxejn...hux hekk...mannIex.......

Bid: (Imur igib is-siggu l-iehor). Ha hawn siggu iehor.

Mr.X: Grazzi ferm. Isma Bidillu, ippermett li kelma. (Jiehdu fil-genb) Isma, qis li iggib aktar rispett, ftakar li jien ma ni permetti l-ebda cajta fhimt. Dan ghidtulek ghal gid tieghek.(Jitlaq).

Bid: (Jsejjahlu) Eh'. skuzi Mr. jekkikollok bzonni ,issibni dejjem gha disposizzjoni tieghek.

Mr.X: (Wahda b'ton gholi). Hekk jonqos wkoll(joqod bilqeda wis-siggu jitfar ak bih u jmur fl-art)(L-iskulari jidhqu jgajtu kemm ghand sanha).

Dir: Ghalfejn dad-dahk kollu, ja psatas l-intom. Isiskom tisthu, tit. bl-ezaminatur.

Surm: Silenzju! (Sa dan it-tant ikunu tawh siggu iehor lil Mr. Xriha).

Dir: Attenti hawn, u qisu li twiegbu tajjeb ghal-mistoqsijiet tas-sinjur (Lil- Mr. Xriha). F'idejk Mr. Xriha. (Johrog).

Mr.X: (Ftit u xejn inkurlat) Mela tfal, illum hemm bzonn li wiehed jiddic iedi....(Lis-surmast) Eh... Surmast, iffavorini, jekk jogbok il-listà ta' l-iskolari?(wahdu) Iff, x'riha ta gobon imhassar hierga mil-kexxun.

Surm: (Igiba mil-kexxuntal-mejda) Hawnhi, Mr. Xriha.

Mr.X: Grazzi (Jaqra) Buhagar Gamri (Min hu jghid present) Grixti Pawlu, Xriha Kola.

Surm. (Iwaqfu) Jaqaw dan Xriha jigi minnek?

Mr.X: (Ma jwegbux).

Surm: Saqsejtek jekk danXriha Kola jigix minnek.

Mr.X: U jidhirlek int, Surmast, li ghandi min jigi minni fi Stage Two? (Ikompli). Zotiku Kalanc, Gageg Spiru......(Hadt ma jwiegeb) Mhux hawn dan Gageg!

Bid: Miet.

Surm: M'hux tassew, marid biss.

Bid: U iva, s'ssa m'hux miet, immat anke gismu spicca wkoll.

Mr.X: Il-mniefah xi bniedem dan kemm joqtolom malagr in-nies!...(ikompli) Kukuxxa Patist. U issa attenti hawn. Is-Sur Direttur taghkom ghadu kemm qalli lidin hi it-tielet sena li qedin tirrepetu l-istess klas ghalek nittamaw li din tkunl'ahhar wahda u li issa twiegbu tajjeb ghal-mistoqsijiet li sejjer nghamlilkom. Mela nibdew min...Zotiku Kalanc!(Kalanc iqum u jghid Present) Min bniha il-Belt Valettax, il lum belt kapitali ta' Malta?

K la: Il-Belt Valetta giet mibnija mil-Gran Mastru La Valette.

Mr.X: X'taf tghidli fuq il-Gran Mastru La Valette?

Kala: Il-Gran Mastru La Valette kienkavalier li iggieled flimkien ma siehbu Tony Bajjada kontra it-Torok,taghom xeba kul wiehed f'Sant Anglu, u fl'ahhar sab lil-Dragut u sparalu go rasu u ghalhekk it-Torok harbu min Malta.

Mr.X: Bil-qeda...Kukuzza Patist.

Pat: Present Sir Thank you!!

Mr.X: Ejja l'hawn.

Pat: Jien?...minjien Sir?

Mr.X: Iva int, ersaq l'hawn barra mil-bank. Issa ghidli daqsejn,min gie Malta wara il kavallieri?...

Pat: Wara il-Kevaliri Sir? Min jaf min giex hux wara il-kavalieri......

Mr.X: Isa ejja mmorru.(Patist ikunsejjer f'postu) U issa fejnsejjer?

Pat: M'hux int ghidtli mmorru?

Mr.X: U le, ibqa fejn int, u ahseb daqxejn fuq il-mistoqsijà li ghamiltle M'hix tqila kullhadd jafa.

Pat: M'hux kullhadd Sir, ghax jiem ma nafix (xi hadd jghidlu)Ah iva Sir, naf min, Lord Strickland.

Mr.X: Ahjar tahseb seqq qabel ma titkellem.

Pat: (Xi hadd iehor jarga jissiggierilu) Il-Konti Ruggieru.

Mr.X: Halli nara hemmxi hadd li jaf min.

Kola: Napuljun Bonaparti.

Pat: U lil ghidtli biex nghid il-Konti Ruggieru.

Mr.X: Bil-qeda.

Pat: (Isellem u jkunsejjer f'postu).

Mr.X: M'hux lilek ghidt. Halli naraw almenu tafx tirrispondi ghal xi dom ohra. Altrimenti ma nafx! Liema huma id-dmierijiet tieghek?

Pat: Wiehed biss Sir?

Mr.X: U liema hu?

Pat: Il-Homework.

Mr.X: Ma tafx li kull bniedem ghandu certi dmirijet li is-superjuri,lej shabu u lejn l-inferjuri.M'hux veru?

Pat: Yes sir.

Mr.X: U liema huma.

Pat: Tlieta. Tiekol,tixrob u torqod.

Mr.X: (Jidhaq) L'ahhar wahda, Kukuzza, semmili Gran Mastru iehor barra La Valette.

Pat: Napuljun Bonaparti.

Mr.X: U din hi it-tielet sena li qed tirrepeti Stage Two? Taf xejn Arithm ic?

Pat: Uuuuh!!!

Mr.X: 35 divided by 5 kemm jghamlu?

Pat: 16 Sir!

Mr.X: Ahseb qabel titkellem, diga ghidtlek.Ara mur fuq il-blackboard u ahdima.

Pat: (Fuq il-blackboard)(Jghamel din is-somma).

5)35(16 5 fit 3 ma jidholx, 5 fil5 jidhol 1, 1x5=5, 35-5=30,
5 fit 30 jidhol 6, 6x5=30, 30 -30 =0.

5
30
30
==

Mr.X: Issa urini li 16+16+16+16+16 jghamlu 35.

Pat: Mel le ((Jikteb) 16 + (Jghod) 6+6+6+6+6 = 30
16 30+1+1+1+1+1 = 35.
16
16
16 Sewwa Sir?
35

Mr.X: X'jidhirlek eh! (F'postok).

Pat: (Isellem u jitlaq).

Mr.X: (Jaqra) Gamri Buhagiar!

Gam: Present Sir,Thank you!(Johrog).

Mr.X: Isma u oqod attent ghal dinil-mistoqsija . Nghatu kas li int ikollo ghaxar tamliet u jien nitolbok tlieta minnom kemm jivdallek?

Gam: Ghaxra Sir.

Mr.X: Kif ghaxra, jekk min ghaxra nitolbok tlieta kif jibqalek ghaxra.

Gam: Iva, Sir, ghax jekk titlobni ma natikx. Nista immur Sir?

Mr.X: Le, le, halli naraw fix int fil general Knowledge. Taf tghidli xinhi il-metamorfosi?

Gam: Il-metamorfosi Sir? Min jaf fejn tigi!

Surm: Ara, ifimni sewwa, il-metamorfosi hija din. Per esempju, ghatu kas l int tmut.

Gam: Jienimmut, forsi tmut qabli int.

Surm: U le dan esempju biss: ara, mela meta tmut, gismek jidfnuh u dan jithallat mal-hamrija, u min din it-tahlita, tohrog fjura. Imbghad nghaddi jienu nghid:" Ara jaharsa fejn mar spicca l-iskular tieghi! Fhimt issa x'inhi l-metamorfosi?

Gam: Iva Sir, fhimt kollox: Isma: Naghtu kas li int tmut, sewwa Sir, imbghad jidfnuk u gismek isir haga wahda mat-trab u mal-hamrija. Wa xi ftit taz-zmien min dak il-gisem li-issa sar kollu hamrija timbec gidra (emfasi) Imbghad nghaddi jien u nghid :"Ara jahamma is-Surmas ghaziz tieghi , baqa dejjem li kien". Sewwa Sir?

Mr.X: Sewwa sabih, tifhem kollox bil maqlub, f'postok (Gamri jitlaq).

Surm: Jekk trid Mr.Xriha tista tima il Compositions li tajthom ghal-Homework.

Mr.X: Trid xi saghtajn bix tehlishom kolla. Insomma pacenzja, nisimghu.

L-Iskolari: (Kolla johorgu il-Compositions taghhom u jaqraw f'daqqa).

Mr.X: Le, le, wiehed, wiehed. Nisimghu ta' (Ihares fuq il-karta)..Kola Xriha

Kola: Present Sir thank you. (Iqum u jaqra). "Komponiment tal-Malti. Missier hemmwiehed biss.-- Xi jumejn ilu jina kont id -dar, kien he ukoll, Ommi, Missieri, il-klieb, il-qattus ,huti u zewg ghasafar, ra u mara. Missieri kellu bzonn johrog ghax ried jixtri in-nuhhala ghal-fniek w is-smida ghal-qsieqes, ommi kienet diga harget, fejn marret ma nafx. Huti iz-zghar kienghadom reqdin, u jien ghallhekk sfajt wahdi, u mort nghalef l-ghasafar, u waqt li kont qed ingibi l-ilma insejt il-bieba miftuha w wiehed mill-ghasafar, li ghandu j xeba maqful fil-gagga, fettilu jahrab u harab. U meta gie missi qalli, Kol...mur gib l-ghasafar. Jien ghidtlu: Missier hemm wiehed biss." Lest ,ta jeh Sir?

Mr.X: X'jidrilhom .Sur Direttur, w'int Surmast? Int Giuvnott kemm ghandek snin?

Kol: Ghoxrin nghaluqa Sir, dalwaqt nghalaq tlieta w ghoxrin.

Mr.X: Nittama li meta tghalqu is-sitting tkunu tghallimtu xi haga.

Surm: Mr.Xriha, jekk jidhirlek li toghod bhala haga ta'ezami, jien f'dil klassi dahhalt sistema gdida tal-komponiment dialogati, biex indarrihom jitkelmu korrentament u bla zbalji. Ghalhekk jekk trid ittihom suggett ghal-djalogu...

Mr.X: Togobni hafna l-idea tieghek, Surmas- nisimghu mela lil.. Kul... u lil...Zotiku. Is-suggett tad-djalogu tghakom huwa dan. Zewg zghaza hekk daqskom, jirrakontaw lil-xulxin kif ghaddew il-vaganzi mal-genituri taghhom.

(Patist u Kalanc johorgu min postom u joqodu quddiem il-mejda).

Kal: Kif int Patist ?Tajjeb?

Pat: (J hamel sinjal b'rasu ta iva).

Kal: Iddevertejt xejn?

Pat: (Bhal qabel).

Kal: Fejn Kont tmur?

Pat: Nippassigga m'ommi u missieri.

Kal: Fejn?

Pat: Naqbad il-friefet.

Kal: Imma fejn kienu johduk ommok u missierek?

Pat: Fl-eghlieqi, fir-raba u fil-gonna.

Kal: X'kont tghamel?

Pat: Kont imur m'ommi u ma missieri.

Kal: Imma x'kont taghmel?

Pat: Jien ma nafx.

Kal: Kif ma tafx? Mela kont dejjem rieqed.

Pat: (Pausa zghira,xott). Ejja,oqod, sahha.(Imur f'postu).

Mr.X: Mhux hazin sa barra. Izda ghadom lura hafna.

Surm: U issa baq id-drill, ghallhekk tfal bla storbju ta'xejn ohorgu min postkom u oqghodu wiehed hdejnwiehed, attendi dejjem ghalli jghidi kom Mr.Xriha. Ftehmna?

Kolla: (Jghatu) Yes Sir! (Is-Surmast johrog mad-Direttur).

Mr.X: (Jqum u jmur hdejhom). Class atten...tion (It-tfal jghamlu).Stand at ease (Jghamlu hekkpero jirfsu wiehed lil iehor, u Patist li jkun f'ras il-fila jirfes lil Mr.Xriha). Ajma saqajja, il-kallijie ....Attention.(Joqodu hazin). U le mhux hekk.Riglejkom ma xulxin u sidirkom il-barra. Right turn.(Min idur fuq il-lemin, min fuq ix-xellug u min lura). Ftakru tfal li hemm bzonn tist udjaw ghax tins lura....Quick March (Kollajimxu Zejn fejn kienu jharsu, jidhlu fu Mr.Xriha, dan jghajjat u jidhol il-gewwa). Ajma ,ajma il-kallijiet (Jidhlu kolla imbarra Patist li jibqa wieqaf jidhaq bihom).

Bid: (jidhol) U int xadin se tibqa hemm isa il-barra.(Jaqbdu min widne u jkarkru il-gewwa).

Pat: Ajma,ajma..........

<u>TMIEM</u>

+"+"+"+"+"+"+"+"+"+"+
@"@"@"@"@"@"@"@"@"@